MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 14/1995/1

Rikors Nru: 14/1995

Il-Perit Arkitett Rene Buttigieg f'ismu proprio u bhala mandatarju specjali ta' Maronna u Victor konjugi Calleja assenti minn dawn il-gzejjer, Rachelle Buttigieg u Roberta u Meinrad konjugi Calleja

vs

Joseph Camilleri

Il-Bord,

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fejn esponew:

Illi l-esponenti jikru lill-intimat l-ghalqa maghrufa "tal-Kobba" sive "tal-Hlas" fil-kuntrada maghrufa "tal-Hlas" sive "Tal-Ghammieri" sive "Ta' Wied is-Sewda" limiti ta' Hal Qormi, bi qbiela ta' zewg liri maltija (Lm2.00) fis-sena

pagabbli kull sena bil-quddiem l-ewwel skadenza fil-15 t’Awissu 1995.

Illi l-intimat ilu ma jhallas il-kera mill-1964 u u dan ghalkemm interpellat b’zewg ittri ufficjali datati 20 ta’ Jannar 1992 u 29 t’April 1994.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess ta’ l-art fuq indikata mill-poter ta’ l-intimat u jordna lill-intimat jizgombra mill-istess fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, prevja l-likwidazzjoni u hlas ta’ kumpens xieraq li jista’ jkun hemm tal-volta dovut lill-intimati skond il-ligi.

Ra li twegiba ma saritx u li l-intimat qatt ma deher quddiem il-Qorti.

Ra li l-process gie mibni mill-ahjar li seta’ jsir.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jerga’ jiehu f’idejh l-ghalqa maghrufa bhala Tal-Kobba sive Tal-Hlas fil-kuntrada maghrufa Tal-Hlas sive ta’ l-Ghammieri sive ta’ Wied is-Sewda limiti ta’ Hal Qormi. Dan mhux wiehed mill-kazi li fih ghandu jinghata kumpens.

Jaghti xahar zmein millum ghat-tkeccija, l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------